Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-6 ta' Gunju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius)**

**Versus**

**Rodney Refalo (26695M)**
**Ryan Refalo (187192M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Rodney Refalo** ta' 27 sena iben Gaetano Tony u Lauranne nee' Spiteri, imwieled Pieta', nhar it-8 ta' Jannar 1995, resident 21, Amber Grove, FL 5, Triq Eugenio Borg, Hamrun, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 26695M; u

**Ryan Refalo** ta' 30 sena, iben Gaetano Tony u Lauranne nee' Spiteri, imwieled Pieta' nhar it-2 ta' April 1992, li resident 3, Canberra Apts, FL 4, Triq il-Makku, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 187192M.

Akkuzati talli nhar it-22 ta' Ottubru 2022 ghall-habta ta' bejn il-hamsa neqsin kwart ta' wara nofsinhar (16:45hrs) u l-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17:30hrs) gewwa Ta' Qali, H'Attard hekk kif intemmet il-partita futbol bejn Hamrun Spartans FC u Mosta FC:-

1. Bi hsieb li jaghmlu delitt u cioe' li minghajr il-hsieb li joqtlu jew jqieghdu il-hajja ta' Melchiore Dimech, f'periklu car jikkagunaw offiza ta' natura hafifa skond kif gie iccertifikat minn Dott. Ryan Camilleri MD Reg. No. 3872 tal-Isptar Mater Dei u/jew diversi tobba ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqsu minn li jobdu l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom minn diversi ufficjali pubblici waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallewhomx jaqdu, jew fixklu jew indahhlu lill-imsemmija ufficjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamlu ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-Kodici Kriminali jew, jekk kienu ipprovokati, ngurjaw b'mod li hargu barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghad illi kienu xurbana, qalu fil-pubbliku xi kliem oxen jew indecenti, jew ghamlu atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, offendew il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kisru l-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat, storbju u glied;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu hergin minn grawnd tal-isports uzaw kliem offensiv jew gabu ruhom abbuzivament;

## Lil Ryan Refalo wahdu talli:

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xewwex gemgha ta' nies, illi hekk imxewxa ingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex ghamlu reat;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Melchiore Dimech u tapplika l-provediment tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tohrog Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija, il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' skont il-ligi, tordna lill-imputati ma jattendux fi kwalunkwe grawnd sportive ghal perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputati fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2023, irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati, debitament assistiti mill-konsulent legali taghhom tennew li huma ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi l-imputati regghu tennew l-ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

__Decide__

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

(i) Fil-konfront ta' **Rodney Refalo** wara li rat Artikolu 7, 214, 215, 221(1), 338(bb)(dd)(ee), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 u Regolament 7 u 9(1) ta' L.S 10.33 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u tikkundannah ghal** piena ta' **sena (1) prigunerija**, illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, kif ukoll ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' tmien mitt Euro (€800).**

(ii) u fil-konfront ta' **Ryan Refalo** wara li rat Artikolu 7, 68, 214, 215, 221(1), 338(bb)(dd)(ee), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 u Regolament 7 u 9(1) ta' L.S 10.33 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u tikkundannah ghal** piena ta' **sena (1) prigunerija**, illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-**

**Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, kif ukoll ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' tmien mitt Euro (€800).**

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-**hatja Rodney Refalo u Ryan Refalo b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **tlett (3) snin** mil-lum ghall-**protezzjoni ta' Melchiore Dimech**. Il-Qorti fissret lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Melchiore Dimech ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lill-hatja **Rodney Refalo u Ryan Refalo** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) kull wiehed ghal zmien sena mil-lum** u dan billi ma' jimmolestawx, ma' jdejjqux u ma' jingurjawx lill-*parte civile* **Melchiore Dimech.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hatja u x'jigri jekk huma ma joqghodux ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Protezzjoni u/jew il-Garanzija Personali, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** mil-lum.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputati fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**